# BORMLA L-BIERAĦ

***Metaforikament, Bormla hija mara mimlija esperjenzi. Uħud minn dawn l-esperjenzi huma iktar partikulari minn oħrajn u għalhekk ikollhom ċerta mportanza. Minn dawn l-esperjenzi għażilt l-esperjenza meta kien miżmum id-dritt li f'Bormla jidħlu joqogħdu iżjed abitanti. Din l-esperjenza rrepetiet ruħha fi żmenijiet differenti bħala riżultat ta' raġunijiet u esiġenzi li nħassu meħtieġa f'kull każ. Fi kliem ieħor sejjer nittratta lil dawk ir-raġunijiet u l-esiġenzi li wasslu diversi drabi biex f'Bormla ma titħalliex tiżdied il-popolazzjoni.***

F'wesgħa raba' u numru ta' għoljiet li kienu jitilqu minn taħt is-swar li kienu jagħlqu lill-bliet tal-Birgu u ta' l-Isla, bdiet tifforma dik li llum hija l-belt ta' Bormla. Kienu waħdiet id-djar mifruxa'l hawn u 'l hinn ma' din il-wesgħa. Fiha wkoll kien hemm daħla ġmielha ta' baħar.

*Bormla llum għandha popolazzjoni ta' madwar 6,500 ruħ. Kien hemm żmien meta kellha popolazzjoni ta' iżjed mid-doppju. Dan kien meta Bormla, mal-Birgu u l-Isla, kienu jiffurmaw il-benniena ekonomika soċjali u kulturali ta' pajjiżna. Il-Gwerra Dinjija aħħarija ġabet din il-bidla. Magħha eżistew diversi ċirkostanzi fi żmenijiet differenti. Huma dawn iċ-ċirkostanzi li se jibnu b'suġġett din il-kitba li sejra ssegwi. Bejniethom, dawn iċ-ċirkostanzi żiedu 'l-popolazzjoni fuq banda u fuq banda oħra naqqsuha ħtija ta' epidemji u esiġenzi li nħassu minn diversi gvernijiet.*

*Din il-Proża, miktuba minn Nathaniel Attard, ġiet l-ewwel f'kompetizzjoni mnedija mill-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna f'Diċembru 1993.*

Ir-raġunijiet ewlenin li ħajru lin-nies jibdew jabitaw 'il barra mis-swar tal-Birgu u l-Isla kienu prinċipalment tnejn: is-sens ta' assikurazzjoni mill-attakki għall-għarrieda tal-furbani, fejn f'każ ta' attakk malajr kienu jistkennu 'l ġewwa mill-bibien tas-swar; u d-daħla baħar flimkien mal-port kienu joffru l-għajxien għal dawk in-nies permezz tas-sajd u bħala barklori. Il-għadd limitat ta' l-ewwel sajjieda beda jiżdied u jagħti xejra oħra lill-abitazzjoni ta' dik il-wesgħa matul l-erbgħin sena li l-Kavalieri ta' San Ġwann qattgħu fil-Birgu.

## ĦAFNA TARAĠ MINĦABBA L-GĦOLJIET

L-għoljiet li jagħmlu lill-wesgħa ta' barra s-swar huma ħamsa: ta' Pażan, tal-Ġonni (li fuqha hija mibnija l-Parroċċa ta' Bormla), ta' Ġerman, ta' Santa Margerita (li hija l-ogħla għolja minnhom il-ħamsa u l-iktar waħda li kellha strateġija matul l-Assedju l-Kbir) u ta' Kordin. Dawn l-għoljiet jipprovdu t-tweġiba għaliex Bormla hija kkaratterizzata minn ħafna taraġ.

L-iżvilupp tal-Birgu laħaq it-totalità, tant li fil-belt tal-Kavalieri ma kienx baqa' wisa biex imorru joqogħdu iżjed nies. Tant kienet kbira t-talba tan-nies biex jibdew joqogħdu fil-Birgu, li wasslet biex tinħareġ proklamazzjoni uffiċjali mill-Ordni. Din kienet tgħid li s-subborg ta' Bormla, eżatt barra s-swar tal-Birgu, setà jservi ta' xelter għal dawk in-nies kollha li ma laħqux sabu post biex jgħixu fil-Birgu. Jidher sewwa li din il-proklamazzjoni ma waqgħetx f'widnejn torox għaliex sas-sena 1565 dan is-subborg kien stabilixxa ruħu sewwa. Tant hu hekk li l-amministrazzjoni ta' l-Ordni bdiet tkemmex xufftejha dwar is-sigurtà li kellhom dawn in-nies.

L-Ordni ħa ħsieb biex jitlob il-parir tal-periti tiegħu minħabba dik il-preokkupazzjoni li nħolqot aktarx mingħajr ma kien jobsorha. Fil-fatt talab lill-wieħed mill-periti tiegħu bil-ħsieb li joħroġ bi pjan ta' kostruzzjoni ta' sur bħala ħarsien għall-abitanti li issa kienu nfirxu sewwa madwar dawk il-ħames għoljiet. B'riżultat ta' hekk, lejn is-sena 1640 inbnew is-swar magħrufin bħala ta' Santa Margerita. Barra minn hekk, dan is-sur kellu l-iskop ukoll li jħares lil Xatt ix-Xwieni (li miegħu kienet tagħmel fih id-daħla baħar imsemmija 'l fuq).

Mal-belt tal-Birgu kien hemm ukoll dik ta' l-Isla li kienet magħluqa bis-swar. Iżda ma kienx jeżisti sur ieħor li jgħaqqadhom. Din il-problema kellha twassal għall-bini tas-Swar tal-Kottonera li għalaq flimkien lit-tlitt



*Il-Firenzuola u Cottonera Lines.*

ibliet tal-Birgu, l-Isla u Bormla. Minħabba l-fatt li l-wesgħa li fiha nbnew id-djar kienet kbira mhux ħażin, Bormla saret l-akbar fosthom. Dawn it-tliet ibliet, kif hekk huma magħquda storikament, ġarrbu diversi esperjenzi marbuta mal-popolazzjoni fihom. Insemmi b'eżempju kif sofrew tnaqqis serju fil-popolazzjoni tagħhom mat-tluq tal-Kavalieri fil-belt il-ġdida ta' Valletta fl-1571. L-istess kien ġara lejn l-aħħar snin tas-Seklu Sittax meta l-belt Valletta ffjorixxiet bil-għadd tan-nies, u l-ibliet tal-Kottonera bdew jinxtorbu f'dik li hija popolazzjoni.

## IL-MARD TAL-PESTA U L-KOLERA

Raġuni oħra li minħabba fiha l-Kottonera sofriet kienet minħabba l-mard tal-pesta u tal-kolera, żewġ mardiet qerrieda. Ma' l-iċken indikazzjoni l-Awtoritajiet kienu jieħdu kull prekawzjoni. Minħabba t-Tarzna, il-Kottonera kienet fil-qalba ta' kull sogru l-aktar għaliex l-epidemji l-aktar kienu jidħlu mil-baħrin. Mit- Tlitt Ibliet, Bormla l-inqas li sofriet minn dawn l-epidemji, għalkemm xorta waħda kienet ingħalqet b'ordni legali għall-kwarantina. ☞

Fl-1655 Bormla kienet infettata flimkien ma' l-Isla, il-Birgu, il-Belt u Ħaż-Żabbar. Għalhekk dawn il-postijiet ingħalqu għal erbgħin jum. Każ ieħor li fih Bormla, flimkien ma' l-Isla, il-Birgu u l-Belt ingħalqu mill-ġdid



*Pjazza Paolino Vassallo fl-1911.*

bil-kwarantina ġara fl-1813, bi proklamazzjoni tal-Gvern bħala prekawzjoni għal xnigħat li f'Malta kienet bdiet tinxtered il-pesta. Il-Kolera misset lil Bormla fl-1865, meta l-Iskola Primarja tal-Gvern kienet bdiet tintuża bħal sptar. Bħala tifkira tal-pesta, fl-1676 f'Bormla nbena ċ-ċimiterju ddedikat għall-Erwieħ tal-purgatorju.

Fl-1877 fuq ir-residenti ta' Bormla waqa' għaks kbir ħtija ta' epidemija li kienet xterdet ma' Malta kollha. Dak inhar ir-razzjon kien ilaħħaq għal elfejn kuljum.

**FL-AĦĦAR GWERRA**

Bormla taf esperjenzi qarsa oħra bħal dawn ukoll qrib sewwa lejn żmienna, eżattament fl-aħħar gwerra dinjija l-ibliet tal-Kottonera daqu esperjenza kerha. Wara l-attakki ħorox kemm jista' jkun li għamlu l-Luftwaffe Ġermaniżi fuq Malta matul it-tielet ġimgħa ta' Jannar 1941, il-Gvern Kolonjali ordna li l-evakwazzjoni tan-nies li kienu baqgħu joqogħdu f'Bormla, l-Isla u l-Birgu. Dan sar fuq parir li taw l-awtoritajiet militari għaliex issa kienu l-ajruplani Ġermaniżi li ħadu l-inkarigu li jattakkaw lil Malta minflok dawk Taljani.

Sabiex l-evakwazzjoni timxi ħarir, kull belt kienet f'idejn reġiment Ingliż. Fil-waqt li l-Isla kienet afdata f'idejn ir-Royal West Kent taħt il-Kurunell Clark, u l-Birgu f'idejn id-Dorsets immexxija mill-Maġġur Gimley, Bormla ħa ħsiebha r-reġiment tad-Devons immexxi mill-Maġġur Davidson.

Sa l-aħħar ta' Jannar l-evakwazzjoni kient kompluta. Minn 12,953 ruħ fit-Tlitt Ibliet, kien baqa' biss 4,000 ruħ. Imbagħad il-Gvern kolonjali kien ħareġ avviż li l-ebda persuna li sa l-aħħar ta' Jannar 1941 ma kinitx toqgħod fir-residenza tagħha fit- Tlitt Ibliet u l-Kalkara ma setgħet tmur torqod f'darha.

Dawn l-avvenimenti flimkien ma' oħrajn nisġu l-imgħoddi ta' Bormla sa mill-oriġini. B'mod ġenerali, huma esperjenzi li effettwaw fil-għadd tal-popolazjoni Bormliża. Mill-aħħar gwerra 'l hawn, l-għadd tal-popolazzjoni f'Bormla qatt ma ħa ruħ. Nistgħu ngħodduh b'fatt lill-preżent li għaddejja minnu Bormla. Fi kliem ieħor, din l-ikbar belt tal-Kottonera qiegħda tiċkien mill-għadd ta' abitanti tagħha. Dak li wassal għal din is-sitwazzjoni huwa l-fenomenu ta' żmienna — 'il barra mill-ibliet u l-irħula mdennsa bil-bini. Min jaf meta għad tinbidel il-mentalità fil-Maltin u jerġgħu jfittxu l-kenn ta' l-ibliet?





***Haberdashery, Toiletries, Underwear, Stationery, Costume Jewellery***

16, St. Theresa Street,
Cospicua

VILLAGE
DISCOUNT STORE

**58, Triq Sant'Anna, M'Scala.**

**Tel: 829151**

Opening Hours:
7.30 a.m. — 12.00 p.m.
5.00p.m. — 7.00 p.m.

Thursdays and Saturdays half day.

***FREE DELIVERY SERVICES***